MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 89/2009

**Maria Zammit u Anna Calleja**

**Vs**

**Saviour Gatt**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-atturi li ppremettew illi s-somma ta' elfejn mitejn u sittax-il Euro (€2216) hija dovuta lilhom mill-konvenut, liema somma tirrapprezenta hsarat ikkawzati mill-konvenut fil-fond u l-immobbli, proprjeta' ta' l-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda stante li ma saret ebda hsara minnu fil-fond u l-immobbli, proprjeta' ta' l-atturi, u *in ogni caso*, l-hsarat kif mitluba huma eccessivi.

Ra x-xhieda tal-attrici Maria Zammit, li tispjega li kienet istitwiet dina l-kawza ghaliex il-konvenut, li kien gar taghha, kien ikkagunalha hsara fil-*wires* tal-*cable*, kif ukoll f'tat- telefon. Dan kien f'Novembru, 2007.

Tghid li hi kienet toqghod fl-appartament ma' Anna Calleja. Kellhom kamra fuq il-bejt, li kienet qisha dar ghalihom ghaliex kienet armata sew minhabba li kien hemm tifel b'dizabilita'. Kienet armata bit-television, bid-*decoder*, *video* u *radio*. Din il-*washroom*, kienu attrezzawha u u ghalquha bhala post abitabbli

Kien hemm ukoll xi hsara fl-*intercom* u kellu jinbiddel darbtejn.

Tispjega li xi sena wara regghu nqalghu xi problemi u dina d-darba l-konvenut kien ikkaguna hsara fil-*wires* tad-*DVD*, fil-*wires* tas-satellita u tal-pompa, fil-*wires* tad-*decoder*, tal-*video* u fil-*wires* tat-telefon u ta' l-*internet*. Kien ghamel ukoll l-hsara ghal darb'ohra fl-*intercom*, tant li dina d-darba, l-attrici kellha tinvolvi l-pulizija .

Il-konvenut kien ukoll qaccat il-*plug* tal-pompa, u kien gerbeb il-*wires* f'salt.

Dan ikkaguna hafna hsarat fil-*wires*, tant li l-pompa nharqet u kellhom jixtru ohra. L-ewwel darba kellhom ibiddlu l-*wires* tal-pompa u t-tieni darba kienet inharqet il-pompa u kellhom jixtri ohra. Kien inharaq ukoll id-*decoder* u kellhom ibiddluh.

Il-konvenut kien ammetta li kien tela' fuq il-bejt u dan seta' jsir facilment ghaliex kien jaqbez min fuq it-tromba ghal bejt.

Ix-xhud tghid li l-konvenut kellu mezz sabiex jitla' fuq il-bejt taghhom u jqaccat il-*wires* u kellhom igibu *handyman* (certu Godwin) biex jerga' jinstalla l-*wires* mill-gdid.

Tikkonkludi li darbtejn kien hemm incidenti bi hsarat u t-tieni darbi kienet aktar gravi.

Ra x-xhieda ta’ Anna Calleja li toqghod mal-attrici Maria Zammit. Tikkonferma li l-konvenut kien gar taghhom u kien joqoghod faccata taghhom, pero’ fil-proprjeta’ adjacenti ghal taghhom, il-konvenut kien irabbi l-hamiem u peress li kellhom tifel maghhom li kien ibati bl-allergiji kienu talbuh sabiex izomm aktar indafa.

Il-konvenut kien irabbja u kien ukoll kellimhom hazin. Dan kien ghal habta tas-snin 2005 u 2006.

Fiz-zmien li kienu rrangaw l-appartament u l-bejt, il-konvenut kien qallhom li ma riedx *wires* ghaddejjin. Minn hemm bdew isibu li t-tankijiet ta’ l-ilma kienu maqlughin u gieli kienu jsibu ukoll hamiem fit-tankijiet bil-konsegwenza li kien ikollhom jahsluhom.

Fis-sena 2007 bdew problemi ohra. Kien hemm incident iehor fejn sabu li l-*intercoms* li kien hemm f’kull kamra tad-dar kienu nharqu.

Kien sehh incident iehor u dan meta kienu sabu li l-konvenut kien qaccat il-*wires* kollha tad-*dvd*, tas-satellita, ta’ l-internet, tal-pompa ta’ l-ilma u tat-*telephones*.
Il-konvenut kien ukoll qaccat xi *wires* ohra.

Kellhom jinkarigaw persuna jismu Godwin sabiex jerga’ jwahhal dawn il-*wires*, izda l-konvenut baqa’ jhedded li kien ser jerga’ jqaccat dawn il-*wires*. Kien qal dan id-diskors quddiem l-atturi ukoll. Minkejja li rega’ twahhlu l-*wires* tal-*intercom*, ghadu ma jahdimx sew.

Stefan Bezzina kien ghamel ix-xogholijiet ta’ riparazzjonijiet fil-*wiring* tas-satellita, ghaliex il-konvenut kien qaccat dawn ukoll.

Kien qaccat ukoll *wires* tat-television u tad-*decoders*, tant hu hekk li kienu sabu t-television mal-art u d-*decoders* kienu nqalghu minn posthom. Meta qaccat il-*wires* tal-pompa, kienu nqalghu t-*triple plugs*. Kien imbaghad waddab il-*wires* kollha habba gozz quddiem il-bieb tal-*washroom* taghhom.

L-attrici tghid li l-konvenut kien jheddidhom kontinwament li kien ser iqaccat dawn il-*wires*, minkejja li ma kienitx ratu jaghmel dan fizikament. Tikkonferma pero’ li kien hemm xi kumpilazzjoni ghaddejja quddiem il-Qorti u dan rigward l-ewwel darba li kien qaccat il-*wires*.

Il-problemi baqqghu sejrin anke fis-sena 2008 u ghalkemm kienu nvoluti il-pulizija ma kienux bdew il-proceduri kriminali.

Ra x-xhieda ta’ Godwin Bugeja, li jikkonferma li kien ghamel xi xogholijiet fir-residenza tal-atturi. Ighid li kien hadem xi tlett darbiet. L-ewwel darba kienet minhabba li kien hemm tankijiet tal-ilma minghajr l-ghatu u kien hemm pompa mqaccta minn postha. Kien hemm il-*wires* tat-telefon u tal-*intercom* imqaccta.
Fit-tieni okkazzjoni kien sab li l-pompa tal-ilma kienet qed tixxortja u mbaghad ixxortjat il-pompa u kellha tinbidel. Kien sab ukoll il-*cable*s tat-telefon li kienu mqacctin, kif ukoll dawk tal-*intercom*.

Kien hemm ukoll it-*tuner* tas-satellita mqaccat. Dawn il-*wires* kienu kollha tqacctu minn naha ta’ barra l-bini.

Irrizultalu li l-*cables* minn barra, li kienu xi erbgha kienu kollha mqacctin, kien hemm ukoll tat-television, kif ukoll tad-*dvd*.

Ix-xhud jikkonferma li kien mar xi tlett darbiet, darbtejn biex isewwi u darba biex jinstalla l-*wires* godda. Il-*wires* kienu kolha ghaddejjin minn barra tal-kamra li kienet tappartjeni lill-atturi.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut kien heddu ghaliex ma kienx jahmel lill-atturi.

Ra x-xhieda tal-konvenut Saviour Gatt li ighid li kellu jiehu parir legali peress li kellu diversi kwistjonjiet mal-atturi. L-ewwel darba li kien mar ghand l-avukat, dan kien tah parir sabiex jaqta’ l-*wires* tal-atturi.

It-tieni darba kien mar ghand l-avukat, ghaliex l-atturi kienu tellghu *wiring*. L-avukat kien qallu biex jerga' jwaddab dan il-*wiring* ghal ghand l-atturi, izda peress li ma setax jaghmel dan, kien dawwar dan il-fiddiferru bl-ixkupa tal-ghanqbut u waddabha ghal ghand l-atturi.

Il-konvenut ikkonferma li kull *wire* li kien sab kien qacctu. Il-*wires* kienu jghaddu mill-kamra li ghamlu l-atturi.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

1. Mill-provi prodotti jidher li kien hemm kwistjonijiet bejn il-kontendenti li jmorru lura ghas-sena 2007 u dan meta l-konvenut kien baghatilhom ittra legali sabiex jirregolaw l-opramorta u sabiex inehhu l-*wires* li kien hemm imdendlin fuq in-naha tieghu.

L-atturi jispjegaw ukoll li kien hemm xi kwistjonijiet ukoll rigward il-hmieg li kien gej mill-hamiem li kien irabbi l-konvenut u dawn kienu jinzammu fuq il-bejt.

2. Dawn l-ittri legali jgibu d-dati tal-4 ta' Settembru, 2007, kif ukoll fil-15 ta' Settembru, 2007 u sar rapport mill-atturi f-24 ta' Novembru, 2007 fejn irraportaw lill-pulizija li kienu sabu *wires* mqacctin u kienu ssuspettaw fil-konvenut.

3. L-attrici Maria Zammit tghid li xi sena wara, dan l-incident irrepeta ruhu u kienet sabet li meta l-konvenut qaccat il-*wires*, ikkaguna diversi hsarat, fis-sistema tat-*telephone*, fid-*decoder* tat-television, kif ukoll kien hemm hsara fl-*internet*, fl-*intercom*, fid-dvd u fil-pompa tal-ilma li kienet inharqet.

4. Il-konvenut jametti li kien qaccat dawn il-*wires*, fuq parir moghti mill-avukat tieghu u jinsisti li dan wasal biex ghamlu peress li l-atturi kienu injoraw ghal kollox l-ittri tieghu.

5. Anke jekk ghal grazzja ta’ l-argument, l-atturi kienu injoraw lill-konvenut, bla ebda mod ma seta’ il-konvenut jiehu l-Ligi f’idejh, bil-mod kif ghamel, billi qaccat il-*wires*, ghaliex kull azzjoni ggib maghha konsegwenzi. Seta’ il-konvenut, ghalhekk bl-istess azzjoni, jikkaguna danni a skapitu ta’ l-atturi?

6. Il-konvenut jikkonferma li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn kien qaccat dawn il-*wires*, pero’ ma qghadx joqoghod iqis x’kienu dawn il-*wires*, izda kull ma sab hiereg mill-kamra li kienu bnew l-atturi (allegatament illegalment, li dan it-Tribunal ihoss m’ghandux jidhol fil-mertu ta’ din l-istanza), kien qacctu.

7. Il-konvenut qieghed jikkontesta l-quantum tad-danni mitluba, ghaliex jinsisti li kienu eccessivi.

L-atturi pproducew lil Godwin Bugeja, li kien il-*handyman* taghhom u li kkonferma li kien ghamel xoghol ta’ tiswijiet fid-dar ta’ l-atturi u kien ikkonferma ukoll li l-konvenut kien heddu li jekk kien ser jerga’ jirranga l-*wires*, kien ser jerga’ jqaccathom.

Huwa minnu li minn jallega rrid jipprova, izda f’dan il-kaz hemm prattikament ammisssjoni da parti ital-konvenut li hu kien ikkaguna l-qtugh tal-*wires* u ghalhekk li ghandu jaghmel it-Tribunal, huwa biex jiddetermina jekk il-*quantum* huwiex wiehed ragjonevoli jew le.

8. Godwin Bugeja jikkonferma li kien ghamel diversi xogholijiet, kien hemm tankijiet tal-ilma minghajr l-ghatu u kien hemm pompa mqaccta minn postha.

Kien hemm il-wires tat-telefon u tal-*intercom* imqaccta.

Fit-tieni okkazzjoni kien sab li l-pompa tal-ilma kienet qed tixxortja u mbaghad ixxortjat il-pompa u kellha tinbidel. Kien sab ukoll il-*cables* tat-telefon li kienu mqacctin, kif ukoll dawk tal-*intercom*.

Kien hemm ukoll it-*tuner* tas-satellita mqaccat. Dawn il-*wires* kienu kollha tqacctu minn naha ta’ barra l-bini.

Irrizultalu li l-*cables* minn barra, li kienu xi erbgha kienu kollha mqacctin, ukien hemm mqaccta ukoll dawk tat-television, kif ukoll tad-*dvd*.

L-atturi pproducew diversi rcevuti, izda l-konvenut jikkontendi li gialadarba l-atturi ma pproducewx ix-xhieda sabiex jikkonfermaw dawn l-ircevuti, dan it-Tribunal m'ghandux jikkunsidrahom bhala prova, ghajr dawk ta' Godwin Bugeja.

Godwin Bugeja spjega d-diversi xogholijiet li ghamel u ssostanja l-ircevuta (Dok AC3) b'xiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogholijiet u kif tqassmu u l-konvenut qed jaqbel li jhallas dawn l-ispejjez.

Jibqghu diversi rcevuti li ma gewx ikkonfermati mill-istess persuna li harighom, izda fl-ebda stadju tal-proceduri ma kien hemm talba da parti tal-konvenut fejn oppona li jigu esebiti dawn l-ircevuti jew sahanistra talab li jigu sfilzati. Anke jekk dan ma sarx, ix-xhud Bugeja kkonferma li kien hemm diversi hsarat u jsemmi fejn maggorment kienu. Inoltre hemm il-konferma guramentata tal-attur.

L-ircevuti jirriflettu dak li sostna Bugeja u ghalhekk ghal dan it-Tribunal iqis x-xhieda ta' Bugeja bhala wahda veritjera. L-istess deposizzjoni ta' Bugeja minna tikkonferma li l-atturi kellhom jingaggaw is-servizzi ta' persuni ohra, apparti Bugeja u l-istess dokumenti jaghtu spjegazzjoni tax-xogholijiet li saru. Wara kollox, il-konvenut lanqas ideja m'ghandu ta' x'*wires* qaccat u lanqas jidher li l-istess konvenut kien konsapevoli tad-danni li seta' kkaguna meta ddecieda li jqaccat dawn il-*wires*. Apparti minnhekk, qatt ma oppona li jigu esebiti dawn id-dokumenti. Iddecidieda, skond hu u jekk hu veru ghax ma gabx prova ta' dan,  li jagixxi fuq parir legali u ivvendika ruhu, xejn aktar minn hekk. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' l-ammont mitlub bhala wiehed ezagerat, ma treggix.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talbiet attrici.

Bl-ispejjez ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------